DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR161991** **19. 09. 2016**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER U MIS-SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAD-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ U ANZJANITÀ ATTIVA**

***Ftuħ uffiċjali tal-wirja "kampanja nazzjonali għal aktar għarfien dwar id-dimensja".***

Illum, l-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia flimkien mas-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva Justyne Caruana, fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, inawguraw kampanja nazzjonali għal aktar għarfien dwar id-dimensja f'Malta fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali dwar l-għarfien fuq l-Alzheimer.

Waqt it-tnedija ta' din l-esibizzjoni fil-bini tal-Parlament, Alex Gobey, kordinatur tal-kura relatata mad-dimensja fil-komunità, iddeskriva d-dimensja bħala numru ta' kundizzjonijiet ikkaratterizzati minn deterjorament fil-funzjonijiet mentali li jinkludu l-memorja, teħid tad-deċiżjonijiet, diffikultà fil-kommunikazjoni u bidliet fl-imġiba li jkunu tali, li jaffetwaw ħazin l-ħajja normali ta' kuljum.

Għalkemm id-dimensja kulma jmur qed issir aktar prevalenti fil-popolazzjoni tal-adulti mdaħħlin fl-età, id-dimensja li jkollha bidu f'età iżgħar teżisti wkoll. Spjega li fil-gżejjer Maltin, madwar 6,071 individwu qed jgħixu bid-dimensja bħalissa, figura ekwivalenti għall-kważi 1.5 fil-mija tal-popolazzjoni. Hekk kif il-popolazzjoni lokali tkompli tikber fl-età, l-għadd ta' individwi bid-dimensja se jiżdied b'tali mod li sal-2030, huwa mbassar li madwar 10,000 individwu ser ikunu affettwati biha. Huwa kompla jgħid li huwa fatt rikonoxxut li d-dimensja tippreżenta sfida psikoloġika u finanzjarja. kemm għal dawk bil-kundizzjoni kif ukoll lill-familji tagħhom u dawk li jkunu qed jieħdu ħsiebhom.

Is-Sur Alex Gobey kompla jispjega li l-wieħed u għoxrin ta' Settembru huwa l-jum dinji ddedikat biex niftakru fil-kundizzjoni tad-dimensja u niftakru f'dawk in-nies li qed jgħixu biha u dawk li qed jagħtuhom l-għajnuna. Huwa sostna li dan il-jum huwa opportunità biex inkomplu noħolqu iktar għarfien dwar il-kundizzjoni u dwar id-diversi servizzi li jeżistu. Studji lokali ta' spiss urew li hemm nuqqas ta' informazjoni fost il-Maltin, kemm fuq il-kundizzjoni nnifisha, kif ukoll fuq is-servizzi li huma ta' għajnuna kbira.

Fid-diskors tagħha, is-Segretarju Parlamentari Justyne Caruana fissret kif skont l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO) id-dimensja hija deskritta bħala tsunami kontemporanju u kif kull pajjiż għandu jkolli l-istrutturi opportuni biex jilqa' għal din l-isfida. Kien għalhekk li sena ilu ġiet imnedija l-istrateġija nazzjonali dwar id-dimensja li qiegħda tkun implimentata fuq medda ta' disa' snin.

Justyne Caruana elenkat diversi inizjattivi, fosthom taħriġ lill-impjegati kollha fil-qasam tal-kura tal-anzjani, taħriġ lill- *informal carers,* ħolqien ta' *masters* fuq id-dimensja fejn il-Gvern qed jagħti *sponsorships* lill-ħaddiema tas-settu pubbliku. Dr Caruana semmiet id-*Dementia Helpline* 1771 li



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

huwa servizz erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, kif ukoll servizzi ġodda fil-komunità bħad-*Dementia Interviention Team* u ċentri apposta għal matul il-jum.

Bħala parti mill-kampanja ta' għarfien, Justyne Caruana qalet li tinsab sodisfatta li l-Ispeaker mill-ewwel laqa' l-idea li l-Parlament Malti għandu jkollu rwol importanti. Fil-fatt il-Parlament Malti se jkun wieħed mill-ewwel parlamenti, jekk mhux l-ewwel, li se jħaddan *dementia friendly policy* u għal dan il-għan tħejja programm li jinvolvi taħrig lill-ħaddiema, trasformazzjoni tal-ambjenti għall-*dementia friendly* kif ukoll sessjonijiet ta' diskussjoni. Il-Wirja hija wkoll parti minn dan il-programm.

Is-Segretarju Parlamentari Justyne Caruana temmet billi rringrazzjat lill-Anġlu Farrugia, lill-Iskrivan tal-Kamra, lil Profs. Charles Scerri, lis-Sur Alex Gobey, kordinatur *Dementia Intervention Team* , lil Assoċjazzjoni Maltija tad-Dimensja u lil dawk kollha li jaħdmu fis-settur biex il-persuni bid-dimensja u l-familji tagħhom ikollhom kull għajnuna għal kwalità ta' ħajja aħjar.

Fid-diskors tiegħu, l-Ispeaker tkellem fuq l-isfidi kbar li d-dimensja ġġib fuq l-individwi milquta; il-familji, is-soċjetà u l-qasam tas-saħħa pubblika. Hu saħaq fuq l-importanza li pajjiżna jkun imħejji tajjeb sabiex jilqa' għal dawn l-isfidi u kif dejjem għamel, ikompli jieħu ħsieb b'dinjità lill-persuni morda billi jipprovdi l-aħjar kura possibbli u jkompli jgħin lill-familji u qraba tal-morda b'appoġġ kontinwu u effettiv.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia qal li laqa' b'ferħ il-bidu ta' Kampanja Nazzjonali għal aktar għarfien dwar id-Dimensja. Hu tenna li l-edukazzjoni pubblika għandha twassal sabiex il-poplu jagħraf aktar il-ħtieġa li jgħin lill-morda bid-dimensja. Huwa sostna li permezz tal-mezzi ta' kommunikazzjoni, konferenzi, diskussjonijiet f'kull livell u djalogu sħiħ fis-soċjetà, il-pubbliku se jingħata t-tagħrif meħtieġ u jkun mgħallem jagħraf l-ewwel sinjali ta' din il-kundizzjoni. Konsegwentament, ilkoll kemm aħna jeħtieġ nagħrfu nfittxu s-servizzi ta' kura u ngħinu lil dawk milquta b'imħabba.

Fil-ġimgħat li għaddew, l-impjegati tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, ingħataw tagħrif importanti dwar id-dimensja minn esperti u tkellmu dwar esperjenzi personali tagħhom fuq dan is-suġġett tant sensittiv. Anġlu Farrugia ħabbar li matul il-lejl ta' *Notte Bianca*, nhar is-Sibt, l-1 ta' Ottubru 2016, il-kordinatur u l-istaff ta' din il-Kampanja Nazzjonali għal aktar għarfien dwar id-Dimensja, flimkien mal-Assoċjazzjoni Maltija tad-Dimensja, se jkunu fil-bini tal-Parlament ta' Malta, biex ma' attivitajiet oħra, jagħtu tagħrif meħtieġ lill-pubbliku u tagħrif minn fejn jistgħu jiksbu l-għajnuna relatat mad-dimensja.

Il-Wirja dwar il-Kampanja Nazzjonali għal aktar għarfien dwar id-Dimensja tinsab fl-intrata tal-Parlament ta' Malta, f'Misraħ il-Ħelsien, il-Belt Valletta. Il-pubbliku hu mistieden iżurha mit-Tnejn 19 ta' Settembru sas-Sibt l-1 ta' Ottubru , mid-9.00 ta' filgħodu sal-5.00 ta' wara nofsinhar, u l-Ħadd mid-9.00 sa nofsinhar (12.00). L-iskop ta' din il-wirja huwa propju biex nkomplu noħolqu għarfien u kuxjena fuq id-dimensja.